PROGRAMM fuq Radju Luminarja

# L-Unur tal-Bażilka lill-Kolleġġjata tan-Nadur

Matul din is-Sena aħna n-Nadurin qegħdin niċċelebraw fost l-oħrajn għeluq il-50 sena minn mindu l-Knisja Insinji Kolleġġjata u Matriti tagħna ġiet mgħollija għad-dinjita' ta' Bażilka Minuri. Avveniment importanti li miegħu hemm marbuta diversi ċirkustanzi, li neħħi l-antenati tagħna u aħna li għixna f'dawk il-jiem, forsi mhux kulħadd jafhom!

L-unur mistħoqq ta' Bażilka ġie mħabbar minn Ruma u mogħti lin-Nadurin ftit ħin wara nofs nhar, ta' nhar il-Ħadd fis-26 ta' Ġunju 1967, tliet jiem biss 'il bogħod miċ-ċelbrazzjoni tal-Mnarja. Pero' għall-ġieħ tal-lstorja, sewwa nagħtu tagħrif li juri li l-Bażilka tan-Nadur taf il-bidu tagħha ħafna snin qabel dik id-data.

Meta l-Q.T. l-Papa Ljun XIII, waqqaf il-Kolleġġjata tagħna fis-sena 1895, għoġbu jagħniha b'diversi privileġġi li qajmu l-għira tal-Kolleġġjati l-oħra b'mod speċjali dawk ta' Malta. Illum ħadd ma għadu jitkellem dwar privileġġi, u kważi tistħi titkellem dwarhom, imma dan li qed ngħid, nixtieq ngħidu mhux biss għax l-lstorja tibqa’ storja li ħadd ma jmeriha u jiċħadha, imma wkoll biex wieħed ikun jaf l-istorja mqalba tal-Bażilka li b'ġieħ ġiet mogħtija lill-Kolleġġjata tagħna.

Dwar il-privileġġi mogħtija lill-Kolleġġjata. appuntu f'laqgħa Kapitulari tat-13 ta' Novembru 1928, kienet inqrat lill-ewlenin Kanoniċi l-Bolla tal-erezzjoni, biex dawk il-Kanonċi ġodda li saru wara t-twaqqif tal-Kolleġġjata u li ma kienux konxji mill-privileġġi li kellhom, ikunu jafu sewwa bihom u japprezzawhom.

Fost l-oħrajn, il-Kanonċi kollha fil-Festi ta' żmien l-Avvent u r-Randan, kienu jilbsu l-Kappa magna tal-ermellin. L-Arċipriet li kien l-ewwel dinjita' tal-Kapitlu, fil-Kor kien joqgħod separatament għalih fuq sedja bi tliet tarġiet, li fil-festi kif għadu jsir sal-lum, din is-Sedja titlibbes b'aħmar b'żewġ mħaded, waħda taħt idejh u l-oħra taħt irkuptejh.Ta' min jgħid li anke l-Kolleġġjata ta' B'Kara f' Malta, għandha dan il-privileġġ, iżda s-sedja tal-Prepostu qegħda fl-istess livel u tmiss mas-sedji tal-Kanonċi l-oħra u titlibbes bl-aħdar. Jitlibbes bl-aħmar ukoll kien il-bankun għal waqt il-quddiesa solenni.

Ma’ din is-sedja hemm marbut privileġġ speċjali u naħseb uniku, li l-Arċipriet fis-Solennitajiet il-Kbar tas-Sena liturġika, wara l-matutin, b'sitt kappisti quddiemu, kien jagħti l-barka tal-aħħar, li fil-Bolla tissemma bħal li tingħata "***in nostra auctoritate"***, waqt li jindaqqu wkoll il-qniepen.

Meta l-Arċipriet tal-Kolleġġjata fis-Solennitajiet, speċjalment fil-Festa Titulari,kien imexxi l-Quddiesa tal-Festa, id-Dekan tal-Kolleġġjata li huwa l-*prima dignitas*, jew kanoniku anzjan tal-Kapitlu, kien jassisti liebes il-Kuda. Din il-kuda kienet mislufa lil Mons. Isqof Ġuieppi Paċe,u wara mewtu, reġgħet inġabret u tpoġġiet f'kaxxa tal-ħġieġ fl-Awla Kapitulari.

Dan l-aħħar privileġġ ma tantx kien jgħoġob lill-lsqof Djoéesan ta' dak iiiż-żmien, tant li fl-lmnarja tas-Sena 1933, waqt il-pranzu mal-Arċipriet, Mons. Gonzi kien qal lil Ommu, "*it-Tifel tieqhek fl-lmnaria ikun aqwa mill-lsqof Taqħkom*".

Għalkemm l-lsfqijiet ta' qabel, ċioe' Mons. Giovanni M.Camilleri u Mons. Pietru Paċe ħallew kollox għaddej biex ma jinqalax inkwiet, mhux hekk Mons. Gonzi, li ħass li ma kellux jippermetti ċertu privileġġi fil-preżenza tiegħu, speċjalment il-famuia Quddiesa ta' seba' ministri, kif kienet u għadhom isemmuha sal-lum l-anzjani Nadurin.

F'Adunanza Kapitulari tat-3 ta' Lulju 1933, waqt li obbliga lill-Membri Kapitulari li jżommu s-skiet, kif fil-fatt kienu għamlu,u wara kull tentattiv mill-Kapitlu biex ma jinqalax inkwiet fil-Parrotta, Mons. Gonzi għarrafhom li kien ser jikteb Ruma dwar dan il-privileġġ tal-Arċipriet u l-Kuda tad-Dekan.

Fl-20 ta' Ditembru tal-istess sena, l-Kongregazzjoni tar-Riti,bagħtet Memorandum bi tweġiba li l-*Assistens Presbyter* bil-kuda waqt il-Quddiesa kellu jieqaf u jispiċċa, imma jassisti biss kif bqajna nafuh sal-lum, liebes il-Kappa, u mhux fil- preżenza tal-lsqof Djoċesan. Din id-deċiżjoni ġiet kkomunikata lill-Kapitlu fl-20 ta' Marzu 1934.

Il-Membri kapitulari tagħna flimkien mall-Kleru kollu Naduri żammew is-skiet mitlub mill-lsqof , imma dawk tal-Kolleġjata ta' B'kara f'Malta le! Tant li għal 14-il sena sħaħ għamlu protesti kbar, il-poplu ta' dik il-Parroċċa kienu mbarraw bil- ġebel saħansitra l-Bieb tal-Kolleġġjata tagħhom. Tant li ngħatat ukoll iċ-ċensura lil ċerti li ma qagħdux għad-deċiżjoni ta' Mons. Isqof Gonzi.

Minn dak l-avveniment għaddew is-snin, imma I-Poplu Naduri li kellu dan il-privileġġ għal qalbu, għax bħan-Nadur, kienet tgawdieh ukoll il-Kolleġġjata tal-Birgu Malta, ma setax iniżżilha li tilfu darba għal dejjem.

Wara l-mewt tal-Arċipriet Ġużeppi Cassar, ġie l-Arċipriet Mikiel Portelli. Il-Kwistjoni tas-suspensjoni tal-privileééi kienet għadha xorta waħda sħuna ħafna fost is-Sekulari, tant li Mons. Isqof Ġużeppi Pace, kemm-il darba ippruva jżomm l-paċi u l-kwiet fil-Parroċċa.

Waqt Adunanza Kapitulari tal-ll ta' Ġunju 1951 Mons.Paċe stqarr mall-Kanonċi Nadurin li hu ma kellu x'jaqsam xejn mal-Kwistjoni, imma xtaqq li jingħataw xi privileġġi oħra importanti flokhom. Il-Poplu Naduri meta ra li lil dawk ta' B'Kara jingħataw priivleġġi oħra, ma qagħadx bi kwietu.

Minn naħa Tiegħu,Mons.Paee wiegħed lill-Kapitlu li ser jgħin, tant li anke Mons. Gonzi,f’ittra tat-13 ta' Settembru 1951 stqarr li ser jgħin lill-lsqof Pace, biex flimkien isolvu l-problema u terġa' ssaltan il-paċi fin-Nadur.

Tant hu minnu dan, li fit-13 ta' Ġunju tas-sena 53, Il-Papa Piju XII, wara supplika tal-lsqof Pace imressqa mill-Kard. Klement Micara, għoġbu jikkonċedi lill-Membri kollha tal-Kapitlu, l-użu tal-pelliċċa u l-buġija u l-ġunta. F'ittra tat-18 ta' Ġunju 1952 tal-Arċisqof Carinci lil Mons. Pace intqal li "*Dawn huma privileġġi li lanqas il Kolleġġjati ta' Ruma ma għandhom bħalhom*". Il-brevi ***'Traditum Nobis'*** tgħid li dawn il-privileġġi jitgawdew biss fil-limiti tad-Djoċesi Għawdxija.

B'ringrazzjament ta' dan, il-Kapitlu Naduri kien offra lil Mons. Pace fit-Translazzjoni tal-lmnarja ta'dik is-sena fuq iz-zuntier tan-Nadur, salib pettorali tad-deheb. 1l-Poplu Naduri xort waħda baqa' konvint li akkost ta' dan, dawk il-privileġġi kienu żgħar wisq għal dak li tteħdilhom, u għalhekk ittamaw li xi darba l-Knisja tagħhom bħal dik ta' B'Kara f' Malta tingħata l-privileġġ ta' Bażilka Minuri. Mons. Pate wegħdhom li ser ikompli jitħabat biex jikkuntentahom kif xtaqu.

Fis-6 ta' Settembru 1958. II-Q.T. Papa Piju XII għolla l-Knisja ta' San Ġorġ tal-Belt Victoria, għal dinjita' ta' Bażilka. Din l-aħbar xterdet ma’ Għawdex kollu nhar l-ewwel Ħadd ta' Ottubru, waqt li fin-Nadur kienet qegħda ssir il-purċissjoni tal Madonna tar-Rużarju.

1l-Poplu Naduri għal darb'oħa ntebaħ li ġie ttradut, u minn hemm beda' l-inkwiet fil-Parrotéa, li dam ikaxkar saqajh għal disa' snin sħaħ, li fihom ma kienux isiru la purissjonijiet bl-istatwi ħlief dik ta' San Koronatu u lanqas festi, inkluża dik tal-lmnarja. Fil-Knisja fl-lmnarja kienu jintramaw l-altari tal-Maġġur u tal-Kor biss, waqt li l-funzjonijiet liturġiċi kienu jsiru biss fil-Knisja u xejn iżjed.

Saret supplika kapitulari biex dak li twiegħed lin-Nadur miż-żewġ Isfqijiet ta' Malta u Għawdex jingħata bla telf ta' żmien, biex jiġi evitat ħafna nkwiet.

Il-Kapitlu beda' jaħdem u bdew diversi kuntatti ma' Ruma. Intgħażel bħala deligat tal-Kapitlu, in-Naduri Dun Anton Tabone, ex Patri Franġiskan. Saret talba uffiċċjali lil Mons. Isqof biex Delegazzjoni Kapitulari titla’ Ruma bl-approvazzjoni Tiegħu.

Ma' Prof. Tabone, f' Ruma ngħaqad ukoll Prof. Oscar Testa (Dak li ddisinnja l-abbozz tal-Pulptu li għandna Ilum). Dan minn naħa tiegħu xtaq li l-Kapitlu kitreb ittra diretta lill-Q.T. Papa Giovanni XXIII , fejn mhux biss għarfuh bil-wegħda tal-lsfqijiet, imma wkoll bil-ħsara spiritwali li kienet qegħda ssir fil-parroċċa tagħna.

Aktar minn hekk, Mons. Pate li kien spiss jgħaddi għand Madre Ġemma, kien ipprojbit mhux biss li jiffunzjona fil-Knisja,imma wkoll li jersaq lejn in-Nadur. Kien daħal darba biss fil-Knisja tagħna, meta fit-18 ta' Ġunju 1960 bierek il-pulptu Il-ġdid tal-irħam. Kien f' dik l-epoka li l-Knisja kollha tagħna nksiet bl-irħam.

Fis-sena 1964, id-Djoċesi tagħna, ċċelebrat l-ewwel Ċentinarju mit-twaqqif tagħha. Għal din l-okkażżijoni ġie f’Għawdex l-E.T. l-Kardinal Luigi Targlia. Dan il-Kardinal ittieħed iżur il-Parroċċi kollha tad-Djoċesi, sintendi ġie wkoll fin-Nadur, fejn f'dik l-okkażżjoni kixef u bierek il-Monument tal-ewwel Isqof ta' Għawdex, Mons. Mikiel Buttigieg, li snin qabel tgħammed fl-istess Knisja tan-Nadur.

F'dik l-0kkażżjoni, il-Poplu Naduri fil-preżenza ta' Mons. Isqof Pace, wera biċ-ċar u b'determinazzjoni id-dispjaċir tiegħu li ġie mċaħħad minn dak li kien imwiegħed lilu. Kien f'dawn iż-żminijiet li beda jidher xaqq ta' dawl li din il-kwistjoni setgħet tiġi solvuta.

Daħlu fix-xena persuni oħra. In-Nutar Ġużeppi Cauchi, Dr. Joe Debono, Is-Sinjuri

Ġużeppi Said u Ġużeppi Vella li bejniethom iffurmaw is-Soċjeta' San Pietru u San Pawl, waqt li Prof. Patri Pietru Pawl Zerafa O.P. intgħażel bħala rappreżentant tagħhom f' Ruma. Is-Sur Ġużeppi Said bħala Segretarju tas-Soċjeta' kiteb lill-Artisqof Igino Cardinale, Delegat Apostoliku għall-lngilterra u Malta. Pero' dan il-Prelat ma tantx wera entużjażmu biex isolvi din il-Kwistjoni taħraq.

Patri Pietru Pawl Żerafa fid-19 ta' Mejju 1965, f'ittra li kiteb lis-Soċjeta', fisser li kull supplika mressqa quddiem il-Kongregazzjonijiet Rumani, jekk ma jkollhiex il-firma tal-lsqof Djoċesan, titwarrab fil -ġemb. Minn naħa l-oħra, Prof. Tabone kiteb lill-Arċisqof Ferdinando Antonelli, fejn urieh li din il-kwistjoni fin-Naudr qed kull ma jmur tiggrava u tagħmel ħafna ħsara spiritwali., u għalhekk hemm bżonn li tintemm bil-ġid u ma ddumx.

Minn naħa Tiegħu, Mons. Isqof Pace, lil Profs.Zerafa , f'ittra li kitiblu,urieh li kemm-il darba ressaq petizzjonijiet quddiem Ruma, imma kien hemm xi ħadd li qed jostakula. (Mons. Gonzi). F''ittra oħra, Moninjur Pate qal lil Profs. Zerafa li "*il-Petizzjoni biex lin-Nadur tingħatalu l-Bażilka ilha pendenti ħafna. Tweġiba hi mixtieqa u mistennija ħafna, nitolbok għalhekk biex f'ismi tisħaqq quddiem il-Kongregazzjoni tar-Riti, ħalli dan il-Privileġġ jingħata*" Imma dan qatt ma ġara. Dawn it-talbiet ta' Mons. Pace, biex lin-Nadur tingħatalu l-Bażilka, anke Mons. Isqof Cauchi, kif insemmi ma ndumx, ikkonferma l-veraċita' tagħhom.

Fis-sena 1967, Mons. Isqof Pace ġie mogħti Amministratur Apostoliku ġdid, fil-persuna ta' Mons. Nikol Ġużeppi Cauchi, li fit-3 ta' Marzu 67 ġie nomninat Isqof Titulari ta' Vico d'Augusto u fl-istess ħin, Awżiljartju ta' Mons. Pace.

Nhar il-Ħadd 9 ta' April tal-istess sena,Mons. Cauchi ġie kkonsagrat Isqof Djoċesan. Waqt li konna deħlin fis-Sagrestija tal-Katidral wara l-Funzjoni tal-Konsagrazzjoni Episkopali Tiegħu, mar fuq l-Arċipriet Portelli u qallu:- "*Nhar il-Ħadd li àej, Vista Pastorali fin-Nadur*".

Għalhekk,il-Ħadd ta' wara, 16 ta' April 1967, Mons. Cauchi tela' in-Nadur biex jagħmel l-ewwel vista Pastorali Tiegħu bħala Isqof. Waqt l-0melija,Mons. Isqof fost l-oħrajn tenna li . "*Fi qlub in-Nadurin hemm ġerħa li ma hiex tort tiegħi, u*

*għalhekk irrid nagħmel minn kollox biex infejjaqha. Ħaġa waħda nitlobkom, agħmlu l-Griżma, jekk ma tridux lili, inġibilkom Isqof ieħor'* (il-griżma fin-Nadur kienet ilha ma ssir mis-Sean 1958).

Nhar l-24 ta' l-istess xahar ta' April 1967, Mons. Cauchi mexxa Laqgħa Kapitulari, fejn fost l-oħrajn,aċċertahom li "*l-Isqof Pace fl-aħħar tliet snin għamel rakkomandazzioni sinċiera mal-Awtoritiiet ta' Ruma*". Kien f' din il-Laqgħa Kapitulari li d-Dekan ta' dak in-nhar (Kan Franġisk Camilleri) qal li kien irċieva ittra minn għand ċertu Patri Raymondo Rahos,penitenzjier ta' San Pietru f' Ruma, li kien wieħed minn dawk li ta' s-sehem tiegħu fil-kwistjoni tal-Bażilka, fejn insista fl-istess ittra, li biex il-Bażilka tingħata, kien meħtieġ li jitlobha n-Nunzju Apostoliku ta' Malta. Semma wkoll li seta' jkun ta' għajnuna kbira, il-Prefett tal-Kongregazzjoni tar-Riti. Mons. Isqof ħa nota ta' kull ma ntqal.

F'nofs ix-xahar ta' Mejju tal-istess sena 67, wasal minn Ruma f'Għawdex ċertu Patri Ferdinando Galea (Ta' Ġiesu) li qagħad għand il-Patrijiet tagħhom fl-lmġarr. Għadni niftakar, gruppi ta' Nadurin, organizzati mis-Soċjeta' San Pietru u San Pawl,neżlin ix-Xatt għand dan id-Deligat, biex jistqarru n-niket tan-Nadurin sħabhom għall-fatt li fil-Parrotta kellna dak l-inkwiet kollu.

Propju f'dak ix-xahar, eżattament fin-Nadur konna qegħdin infakkru l-ewwel ċentinarju mill-Konsagrazzjoni tal-Knisja tagħna, fejn fit-12 ta' Mejju, saret Konċelebrazzjoni mmexxija minn Mons. Mikiel Portelli,u kien hemm il-ħsieb li jiġu sparati xi tiri, imma fuq parir tad-Deligat Apostoliku, dawn ma ġewx sparati.

Fix-Xahar ta' Ġunju, proprju fid-19, meta bdiet in-Novena tal-lmnarja, Mons. Arċipriet Portelli,b'rakkomandazzjoni tal-Isqof Cauchi, telaq lejn Ruma, waqt li l istess Isqof, ittratta man-Nunzju Apostoliku Martin O' Conner li kien wera interess ukoll, biex din il-kwistjoni tinqata' darba għal dejjem u terġa' tirrenja l-paéi fid-Djoċesi kollha.

Fil-Paċċotta kulħadd kien jistenna b'ansjeta' kbira xi risposta, tant li wħud kienu qatgħu qalbhom, ġaladarba l-festa kienet fil-qrib,u xejn risposti minn naħa ta' Ruma.

Propju nhar il-Ħadd 26 ta' Ġunju 1967,għal ħin ta' nofs in-naħr, Mons. Isqof rċieva telegramm minn għand in-Nunzju ta' Malta, fejn fost l-oħrajn,kien hemm

l-aħbar *"l privileqqi concessi".* Il-Kan. Martin Portelli li ġe kkomunikat mill-lsqof Cauchi, ħareġ jinforma wieħed,wieħed, lil Kanonċi fi djarhom. L-aħbar tant mistennija mill-ewwel xterdet mall-Parroċċa kollha. Qtajja ta' nies, min jibki bil-ferħ, min ma jistax jemmen, ferħana ġrew lejn il-Knisja. lnħarġet l-Istatwa Titulari ta' San Pietru u San Pawl fil-Bieb Principali, qniepen idoqqu, Hawn niftakar lil Toninu x-Xlukkajru li damm idoqq sa fil-għaxija, sparar ta' Murtali li xegħlu saħansitra lil Għawdex kollu.

Ftit tal-ħin wara, trakk b'salib tal-Bażilka, magħmul minn fallakki, madwaru żagħżagħ ikantaw, mexxa carcade twila ma' Għawdex kollu. Aħna s-Seminaristi Nadurin li konna nfurmati mill-mejjet Dekan, il-Kan.Dun Franz Camilleri, niftakar tlajna mill-ewwel fuq il-bjut tas-Seminarju. F'ħin minnhom nisimgħu ħafna storbju u għajjat, naraw dak il-famuż trakk ġej lejn is-Seminarju, uħud minn dawk ta' fuqu niżlu għarkuptejhom ibusu l-Bieb tas-Seminarju, oħrajn ixejrulna. Kien mument ta' ferħ kbir għalina, li għexna dawk is-snin ta' niket,u li issa kien reġa' żernaq jum sabiħ għall-Parroċċa għażiża tagħna.

Sa dan it-tant twaħħal fuq il-faċċata tal-Knisja, s-Salib tal-Bażilka; ġriet l-aħbar li Mons. Arċipriet Portelli kellu jasal lura minn Ruma wara nofs in-nhar. Uħud niżlu fl-lmġarr biex jilqgħuh, ħalli flimkien jidħlu fil-Bażilka fejn tkanta **Te Deum** ta' ringrazzjament.

Kulħadd mar jiġri fl-imħażen tal-armar tat-toroq tal-Purċissjoni u kemm setgħu u kif setgħu, bdew jarmaw it-toroq. Oħrajn marru jordnaw il-baned,fost l-oħrajn dik Leone li kienet fix-Xewkija għall-festa tal-Battista,u li wara li spiċċat minn hemm, telgħet in-Nadur u għamlet marċ li baqa’ sejjer sa kmieni fil-għodu.Oħrajn dak in-nhar stess u l-għada armaw il-Bażilka minn ġewwa, waqt li oħrajn telqu lejn Malta biex isibu jixtru n-nar għall-okkażżjoni. Insomma, kulħadd għalenija, qam mirraqda twila ta' disa' snin u f'kemm ilni ngħid, fi żmien limitat ta' tliet ijiem saret festa kbira. Kienu ħafna dawk l-Għawdxin, li min b'kużita', (ta' min jgħid, li ħafna kienu għadhom ma rawx il-Knisja kollha kemm hi miksija bl-irħam) u min biex jifraħ magħna, ġew għal din il-festa memorabbli.

Lejlet il-Festa Titulari, Mons. Isqof Cauchi twassal fil-karozza tiegħu lejn il-Bażilka miġbud min-Nadurin,u milqugħ b'ċapċip minn dawk kollha preżenti. HU mexxa t-Traslazzjoni u l-primi verspri tal-Festa u saħansitra l-Quddiesa

Pontifikali ta' Jum l-Imnarja. Saret Festa kbira daqs li kieku kienu ilhom jaħsbu għaliha sa minn żmien qabel. Il-*Mass Media*, tat *coverage* tal-okkażżjoni kollha, b'mod speċjali tal-festa kbira li kif qalu huma, in-Nadurin rnexxielhom jorganizzaw fi ftit jiem.

Ta' min jgħid li fis-Sena ta' wara, il-Knisja Universali kellha tiċċelebra b'Sena tal-Fidi mħabbra mill-Q.T. l-Papa Pawlu Vi, il-Papa tal-Bażilka, id-1900 sena mill-Martirju Glorjuż tal-Appostli San Pietru u San Pawl. Kellha tkun sena mportanti għalina n-Nadurin,biex fiha niċċelebraw dan il-Martirju flimkien ma’ l-għoti tal-Bażilka.

Minnufiħ ġew iffurmati żewġ Kumitati,wieħed għall-Festi Interni,u l-ieħor għall-Festi Esterni. Ġriet l-aħbar li ħutna l-Emigranti, mill-Amerika, Kanada u l-Ingilterra, bdew jaħsbu wkoll li għall-Festa Titulari tas-Sena Centinarja, kienu ser jorganizzaw anke ajruplani *chartered*. Ħarġet fuq kollox l-aħbar li whud kienu qegħdin jaħsbu biex sas-sena ta' wara, iwaqqfu l-Banda Mnarja, kif fil-fatt ġara . In-Nadur insomma,kien mejjet u reġa' qam. Qam waħda kbira li minnha qatt ma reġa' lura u nisperaw li ħadd u xejn ma jerġa'jgħaddina minn dawk il-jiem koroh li għexna tul is-snin 1958 u 1967.

Fl-aħħar u xejn inqas ta' min jgħid ukoll, li bir-raġun kollu aħna n-Nadurin is-sena qegħdin niċċelebraw il-50 sena tal-Unur tal-Bażilka għall-Kolleġġjata, Insinji, Matriċi tagħna. Anzi messna minn dak in-nhar sal-lum, il-Jum tas-26 ta' Ġunju, inħarsuh bħala “**JUM IL-BAŻ1LKA**” u nitolbu għal dawk ħutna Nadurin li tħabtu kemm felħu biex dak li ġie lilhom imwiegħed, akkwistawh għalihom, għalina u għal ta' waraina.

***Mons Ġużeppi Cauchi***
*April 2017*